Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

# Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 30

**Data:** Il-Ġimgħa, 20 ta' Frar 2020
**Ħin:** 17:30
**Post:** Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Marsa

**Preżenti:**

Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**30.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 29**

30.1.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.29.

30.1.2 Is-Sur Michael Fenech Adami talab li jikklarifika fuq punt 29.4.5 fejn ma kien hemm l-ebda intenzjoni ħlief li xtaq jiġbed l-attenzjoni illi huwa ħass li bħala etika, l-Assoċjazzjoni kellha tinfurmah li waħda mill-impjegati tar-Reġjun Ċentru kienet applikat u ġiet magħżula biex tibda xogħol mal-Assoċjazzjoni.

30.1.3 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-minuti, fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva il-minuti.

**30.3 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 29**

| | |
|---|---|
| **30.2.1 ERASMUS+** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ssottomettiet l-applikazzjoni sabiex issir proġett li jindirizza liż-żgħażagħ u *jħeġġiġhom aktar jipparteċipaw fid-dinja politika.* |
| **30.2.2 Laqgħa tas-Sindki 22/02/2020** | Il-President semma li s-set up tal-konferenza ser tkun Round Table Conference, mhux ser ikun hemm kelliema li jkunu mitluba jagħmlu speech, l-idea ser tkun li jinħoloq sens ta' dibattitu. Ġew mistiedna il-Ministru u Shadow Minister responsabbli għall-Gvern Lokali sabiex ukoll jipparteċipaw fid-diskussjoni. Is-Sur Fava semma li Shadow Minister informa li kien ser ikun imsiefer u bagħat ukoll filmat bid-diskors tiegħu. Il-President semma li s-set up tal-konferenza ma tippermettix dan u għaldaqstant ħass li kellu l-bzonn jinforma lill-Eżekuttiv li dan m'għandux jixxandar għax imur lilhinn mill-filmat. |
| **30.2.3 L-Uzu tal-Credit Cards** | Il-President semma li ser tkiun qed toħroġ linji gwida għall-uzu tal-Credit Cards fil-Kunsilli Lokali. |
| **30.2.4 Laqgħa mal-Kap tal-Oppozizzjoni** | Il-President semma li l-Laqgħa mal-Kap tal-Oppozizzjoni giet sospiza min-naħa tal-Partit u għandha tiġi komunikata data oħra. |

**30.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 30**

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

30.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Mark Grech ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-18 ta' Jannar 2020 u l-20 ta' Frar 2020 li kienet tammonta għall-€46,654.15.

**30.4 Proġetti tal-UE li għalihom qed tapplika l-AKL**

30.4.1 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tissottometti applikazzjonijiet għall-proġetti EDIC kif ukoll qed inkunu qegħdin f'kuntatt biex l-Assoċjazzjoni ikollha kuntatti ma' Assoċjazzjonijiet oħra lilhinn minn xtutna biex dan anki jkun ta' benefiċju biex wieħed jieħu ezempji innovattivi u prattiċitajiet tajbin.

**30.5 Sejħa għall-offerti għall-kiri ta' vetturi għall-AKL (kuntratt eżistenti jagħlaq f' Ottubru 2020)**

30.5.1 Il-President semma li f' Ottubru li ġej ser ikun qed jiskadi il-kuntratt ezistenti btal-kiri tal-vetturi għall-uzu tal-uffiċju u għaldaqstant fil-ġimgħat li ġejjin l-Assoċjazzjoni ser tkun qiegħda toħroġ sejħa għaz-zewġ vetturi li tuza l-Assoċjazzjoni.

30.5.2 Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa 17:50.

30.5.3 Is-Sur Samuel Azzopardi daħal għal-laqgħa 17:55.

**30.6 Kordinatur għall-Affarjiet tal-UE fi ħdan l-AKL**

30.6.1 Il-President semma li l-kuntratt tal-kordinatur prezenti ser jiskadi f' Novembru 2020. Il-President talab biex dan jiġi ikkunsidrat jekk jerġax jinħareġ jew le. Semma li ħafna xogħol qed issir mill-Assoċjazzjoni stess u għaldaqstant wieħed għandu jevalwa s-sitwazzjoni.

30.6.2 Is-Sur Joe Cordina semma li min ikun ko-ordinatur għandu jagħmel xogħolu d' dedikazzjoni u effiċjenza għax bħal issa mhux qed ikun hemm ko-operazzjoni u ko-ordinament tajjeb.

30.6.3 Kien hemm qbil unanimu li x-xogħol li qed isir mill-ko-ordinatur prezenti jista' jsir ferm aħjar.

30.6.4 Is-Sur Anthony Mifsud daħalm għal-laqgħa 18:00

**30.7 Laqgħa Plenarja Ġunju 2020**

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

30.7.1 Il-President semma li wara l-Laqgħa tas-Sindki ta' Frar qed jiġi propost li jsiru laqgħat fuq bazi Reġjonali sabiex kull Reġjun jadotta il-vizjoni għall-karateristiċi tal-lokal tiegħu.
30.7.2 Il-President semma li aktar dettalji dwar din il-Laqgħa jinataw aktar 'l quddiem.

**30.8 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **30.8.1 Kalendarju ta' avvenimenti tal-AKL** | Il-President prezenta draft ta' kalendarju ta' attivitajiet li ser jiġu organizzati mill-Assoċjazzjoni. Fuq proposta tas-Sur Michael Fenech Adami kien hemm qbil li s-sessjoni tal-Edukazzjoni tiegħu preċidenza fuq sessjonijiet oħra. Is-sur Fava semma li l-Kalendarju ser jiġi emedat u aġġornat kif propost. |
| **30.8.2 Intervisti ta' CIES** | Il-President semma li fil-jiem li ġejjin ser ikun l-intervisti ta; applikanti li applikaw taħt l-iskema ta' CIES. |
| **30.8.4 Laqgħat mal-Ministri** | Il-President semma li ser ikun qiegħed jitlob lill-Ministru għall-Gvern Lokali biex jattendi għal waħda mil-Laqgħat tal-Ezekuttiv. Is-Sur Michael Fenech Adam propona li għandha tintalab laqgħa mal-Ministru Dr. Byron Camilleri rigward l-infurzar. |
| **30.8.5 CEMR** | Il-President semma li ser ikun qed jitħallas il-pagament ta' CEMR. |

30.8.6 Is-Sur Jesmond Aquilina talab li jkun skuzat 18:14

| | |
|---|---|
| **30.8.7 Laqgħa mal-Ministeru għall-Ambjent** | Il-President semma li saret laqgħa ma' Onorevolin Aaron Farrugia. Prezenti kien hemm rapprezentanti mill-Wastserv, Planning Authority u ERA. Semma li waqt din il-laqgħa issemmew dan il-punti:<br>• Ko-finanzjamnet tal-Planning Fund<br>• Rapprezentanza fuq il-Bordijiet tal-Permessi tal-Planning Authority<br>• L-ispejjez tal-oġġezzjoni li l-Kunsill irid iħallas<br>• Infurzar tal-Waste Rooms fil-blokok |

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**30.8.8 Laqgħa mal-LESA**

Il-President semma li kien hemm laqgħa mas-Sur Svetlic Flores u s-Sa. Marisa Ciappara. F' din il-laqgħa ingħataw rendikont tal-proġetti li ser ikunu iffinanzjati mill-fondi tal-LESA. Semma wkoll li kien hemm diskussjonijiet li għandha tiġi konkluza u jitħalsu r-Reġjuni.

30.8.9 is-Sur Joe Cordina talab li jiġi skuzat fis-18:21

**30.8.9 Laqgħa ma' Transport Malta**

Il-President semma li kien hemm laqgħa fid-dawl li għadda għall-attenzjoni tiegħu li Transport Malta kienet qed toħroġ kontravenzjonijiet f' toroq li suppost jieħdu ħsiebhom il-LESA. Skeda 3 ta' Kap 499 tati speċifikament l-ismijiet tat-toroq fejn TM tista' tħarrek.

**30.8.10 Reġjun Ċentru – proposta LESA**

Il-President semma li r-Reġjun Ċentru talab li jgħamel emenda fil-proposta prezentata f' laqgħat preċidenti, dan minħabba li r-Reġjun tneħħewlu il-ħaddiema tal-iskema u li għalihom kien ser jinxtara electric van.

**30.8.11 Taħrika ta' xhieda**

Il-President semma li kien irċieva taħrika ta' xhieda nhar 17 t' April fuq il-kaz ta' ġewwa l-Qala, fejn kien weġġa' wieħed mill-ħaddiema.

**30.8.12 Tribunal Industrijali**

Il-President semma li s-seduta ta' Tribunal Industrijali issir nhar 12 ta' Marzu 2020.

**30.9 Aġġornament**

30.9.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 12 ta' Marzu 2020 fis-sitt u nofs ta' filgħaxija.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

**Lianne Mifsud**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.31 li nżammet nhar il-Ħamis, 12 ta' Marzu 2020.

**Mario Fava**
**President**